

32004D0665

L 303/30

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.9.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Settembru 2004

li tikkonċerna studju bażiku dwar il-prevalenza tas-Salmonella fi gruppi ta' Gallus gallus li jbidu

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2004) 3512)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/665/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 fuq l-ispiża fil-qasam veterinarju ⁽¹⁾ u, b'mod partikolari, l-Artikoli 19 u 20 tagħha;

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti oħra speċifiċi taż-żoonosi li tinġarr fl-ikel, għandu jiġi stabbilit għan tal-Komunità sat-12 ta' Diċembru 2005 għat-tnaqqis tal-prevalenza tas-salmonella f'popolazzjonijiet ta' tiġieġ li jbidu.
- (2) Sabiex jifassal l-għan, għandha tkun disponibbli data komparabbli fost l-Istati Membri fuq il-prevalenza tas-salmonella fil-popolazzjonijiet ta' tiġieġ li jbidu. Informazzjoni ta' dan it-tip mhix disponibbli u għalhekk studju speċjali għandu jsir sabiex tiġi ċċekkjata l-prevalenza tas-salmonella ftiġieġ li jbidu waqt perijodu ta' żmien xieraq sabiex jittieħdu f'konsiderazzjoni l-varjazzjonijiet staġunali possibbli.
- (3) L-Artikolu 19 ta' 90/424/KEE stabbilixxa li l-Komunità se tieħu r-responsabbiltà, jew tassisti l-Istati Membri fl-impriża, il-miżuri tekniċi u xjentifiċi neċessarji għall-iżvilupp tal-leġislazzjoni veterinarja tal-Komunità u għall-iżvilupp ta' taħriġ u edukazzjoni veterinarja.
- (4) L-istudju se jipprovi informazzjoni teknika neċessarja għall-iżvilupp tal-leġislazzjoni veterinarja tal-Komunità. Fid-dawl ta' l-importanza biex tinġabar data komparabbli fl-Istati Membri fuq il-prevalenza tas-salmonella ftiġieġ li jbidu, il-Komunità għandha ttipprovi għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi ta' l-istudju. Huwa xieraq li jitħallas lura l-

100 % ta' l-ispejjeż li ntnefqu għat-testijiet fil-laboratorji, sa l-ammont massimu għal kull test.

- (5) Skond l-Artikolu 3, paragrafu 2, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999, il-miżuri veterinarji u tas-saħħa tal-pjanti meħuda skond ir-regoli tal-Komunità għandhom jiġu ffinanzjati taħt is-Sezzjoni "Garanzija" tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija; għal skopijiet ta' kontrolli finanzjarji, għandhom japplikaw l-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999.
- (6) Kontribuzzjoni finanzjarja mingħand il-Komunità għandha tkun konċessa sakemm l-azzjonijiet li għalihom ġiet provduta l-kontribuzzjoni jkunu mwettqa b'mod effettiv u bil-kondizzjoni li l-awtoritajiet ifornu l-informazzjoni kollha neċessarja fiż-żmien limitat provdut.
- (7) Hemm il-bżonn li tiġi ċċarata r-rata li għandha tintuża għall-qlib ta' l-applikazzjonijiet tal-pagament sottomessi fil-munita nazzjonali kif definit f'Artikolu 1 d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 2799/98 li jstabilixxi arranġamenti agrimunitarji għall-ewro ⁽²⁾.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond il-fehma tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animal.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għan ta' l-istudju u dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-Komunità se tieħu ħsieb studju tekniku li jimmira li jagħti stima tal-prevalenza ta' *Salmonella spp.* minn naħa għall-oħra ta' l-Unjoni Ewropea fi gruppi ta' tiġieġ li jbidu (*Gallus gallus*) għall-produzzjoni ta' bajd għall-konsum tal-bniedem fit-tmien tal-perijodu tal-produzzjoni tagħhom (minn hawn 'il quddiem "l-istudju").

⁽¹⁾ ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 (ĠU L 325, tat-12.12.2003, p. 31).

⁽²⁾ ĠU L 349 ta' l-24.12.1998, p. 1.

2. Ir-riżultati se jintużaw sabiex jifasslu l-għanijiet tal-Komunità kif provdut f'Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

3. L-istudju se jkopri perijodu ta' sena li tibda mill-1 ta' Ottubru 2004.

4. Għall-iskop ta' din id-deċiżjoni "awtorità kompetenti" se tfisser l-awtorità jew l-awtoritajiet ta' Stat Membru kif provdut f'Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

5. Għall-iskop ta' paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jikkoperaw skond l-Artikoli 2 sa 6.

Artikolu 2

Struttura tal-kampjuni

1. It-teħid ta' kampjuni sabiex ikun jista' jseħħ l-istudju se jiġi organizzat mill-Istati Membri u se jiġi eżekwit mill-1 ta' Ottubru 2004 f'azjendi li fihom ta' l-inqas 1000 tiġieġa li jbidu. Fejn xieraq, azjendi iżgħar għandhom ukoll jittieħdilhom kampjun skond l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija f'Artikolu 5, bi preferenza għal azjendi b'aktar minn 350 tiġieġa.

2. F'kull azjenda magħżula, għandu jittiehd kampjun ta' grupp wieħed bit-tiġieġ ta' l-età xierqa.

3. It-teħid tal-kampjuni għandu jiġi eżekwit minn awtorità kompetenti jew taħt is-sorveljanza tagħha, minn korpi li lilhom għet delegata din ir-responsabbiltà.

4. Ta' l-inqas 172 azjenda f'kull Stat Membru se jittieħdulha kampjuni. Madanakollu, f'Istati Membri fejn jeżistu inqas minn 172 azjenda, l-azjendi kollha se jittieħdilhom kampjun. Fil-każijiet kollha, fit-teħid tal-kampjuni għandha tingħata prijorità lill-azjendi b' aktar minn 1000 tiġieġa.

Artikolu 3

Skoperta tas- *Salmonella spp.* u *s-serotyping*

1. L-iskoperta u *s-serotyping* għandhom iseħħu fl-laboratorji ta' referenza nazzjonali għas-*salmonella*.

2. Skond id-deroga minn paragrafu 1, f'każ li l-laboratorju ta' referenza nazzjonali ma jkollux il-kapaċità li jeżegwi l-analiżi kollha jew jekk mhux il-laboratorju li jeżegwi l-iskoperta b'has-soltu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jinnominaw numru limitat ta' laboratorji oħra involuti fil-kontroll uffiċjali tas-*salmonella* biex iwettqu l-analiżi. Dawn il-laboratorji għandhom ikollhom esperjenza li hi ppruvata fl-użu tal-metodu ta' l-iskoperta meħtieġ, għandhom jimplementaw sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità konformi ma' l-istandard ISO 17025, u għandu jiġi mressaq lis-sorveljanza tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali.

3. L-iskoperta tas-*Salmonella spp* għandha tiġi eżegwita fi qbil mal-metodu rakkomandat mil-laboratorju ta' referenza tas-*salmonella* tal-Komunità.

4. *Is-Serotyping* għandu jiġi eżegwit skond l-iskema Kaufmann-White.

Artikolu 4

Ġbir tad-data, evalwazzjoni u rapport

1. L-awtorità nazzjonali responsabbli għall-preparazzjoni tar-rapport nazzjonali annwali dwar il-monitoraġġ tas-*salmonella* f'annimali skond l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/99/KE għandha tiġbor u tevalwa r-riżultati ta' l-iskoperta miksuba skond l-Artikolu 3 fuq il-bażi ta' l-struttura tat-teħid tal-kampjuni msemmija f'Artikolu 2, għandha tirraporta l-evalwazzjoni tagħha lill-Kummissjoni.

2. Id-data kollha rilevanti miġbura għall-iskop ta' l-istudju għandha tiġi mogħtija lill-Awtorità Ewropeja għas-Sigurtà ta' l-Ikel, fuq it-talba tal-Kummissjoni.

3. Id-data u r-riżultati miġbura fuq livell nazzjonali se jkunu aċċessibbli għall-pubbliku f'forma li tassigura l-kunfidenzjalità.

Artikolu 5

Speċifikazzjonijiet tekniċi

Ix-xogħlijiet u l-attivitajiet msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-deċiżjoni għandhom jiġu eżegwiti b'mod konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li ġew preżentati fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali fil-15 ta' Lulju 2004, kif ippubblikat fil-*website* tal-Kummissjoni.

Artikolu 6

Skop ta' l-assistenza finanzjarja tal-Komunità

1. Il-Komunità għandha tipprovdi assistenza finanzjarja għal ċerti spejjeż li ntnefqu mill-Istati Membri għat-testijiet fil-laboratorju, jiġifieri l-iskoperta batterjoloġika tas-*Salmonella spp.* u *s-serotyping* ta' każijiet iżolati rilevanti.

2. L-assistenza finanzjarja massima mingħand il-Komunità għandha tkun 20 EUR għal kull test għall-iskoperta batterjoloġika tas-*Salmonella spp.* u 30 EUR għas-*serotyping* ta' każijiet iżolati rilevanti.

3. L-assistenza finanzjarja mingħand il-Komunità m'għandhiex taqbeż l-ammonti stabbiliti f'Anness I għat-tul ta' l-istudju.

Artikolu 7

Kondizzjonijiet ta' l-assistenza finanzjarja tal-Komunità

1. L-assistenza finanzjarja msemmija f'Artikolu 6 għandha tingħata lil kull Stat Membru bil-kondizzjoni li l-implimentazzjoni ta' l-istudju tkun konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Komunità, li jinkludu regoli dwar il-kompetizzjoni u dwar l-għotja ta' kuntratti pubbliċi, u bil-kundizzjoni li jkunu rispettati l-kundizzjonijiet ipprovduti f'punti (a) sa (d).

- a) Jidħlu fis-seħħ sa l-1 ta' Ottubru 2004, kif xieraq il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi għall-implimentazzjoni ta' l-istudju.
 - b) Rapport dwar il-progress li jkopri l-ewwel 3 xhur ta' l-istudju għandu jiġi mgħoddi, sa erba' ġimgħat, l-iktar tard, wara li l-perijodu tar-rapport ikun ġie fi tmiemu.
 - c) Rapport finali għandu jiġi mgħoddi sal-15 ta' Ottubru 2005 l-iktar tard dwar l-eżekuzzjoni teknika ta' l-istudju akkumpanjat minn evidenza li tiġġustifika l-ispejjeż li ntnefqu u r-risultati miksuba tul il-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2004 sat-30 ta' Settembru 2005. L-evidenza ta' l-ispejjeż li ntnefqu għandha tinkludi ta' l-inqas l-informazzjoni mniżżla f'Anness II.
 - d) Jiġi implimentat l-istudju b'mod effettiv.
2. Finanzjament bil-quddiem ta' 50 % ta' l-ammont totali jista' jiġi mħallas fuq it-talba ta' kull Stat Membru.

3. Nuqqas ta' ħarsien tal-limitu taż-żmien fis-sottoparagrafu 1c), għandu jimplika riduzzjoni progressiva u kumulattiva tal-kontribuzzjoni finanzjarja b'25 % ta' l-ammont totali għal kull dewmien ta' ġimgħatejn mill-15 ta' Ottubru 2005.

Artikolu 8

Rata ta' konverżjoni għal applikazzjonijiet f'munita nazzjonali

Ir-rata tal-kambju għal applikazzjonijiet sottomessi fil-munita nazzjonali f'xahar "n" se tkun dik ta' l-għaxar ġurnata ta' xahar "n+1" jew għall-ewwel ġurnata preċedenti li għaliha tkun kwotata rata.

Artikolu 9

Applikabbiltà

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mill-1 ta' Ottubru 2004

Artikolu 10

Din id-deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, tat-22 ta' Settembru 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

Għajjnuna finanzjarja massima mill-Komunità lill-Istati Membri

(EUR)

Stat Membru	Ammont
L-Awstrija — AT	59 368
Il-Belġju — BE	42 312
Ċipru — CY	5 412
Id-Danimarka — DK	31 160
L-Estonja — EE	4 920
Il-Finlandja — FI	55 432
Franza — FR	81 672
Il-Ġermanja — DE	87 412
Il-Greċja — EL	38 048
L-Ungerija — HU	45 264
L-Irlanda — IE	28 208
L-Italja — IT	70 684
Il-Latvja — LV	3 280
Il-Litwanja — LT	3 280
Il-Lussemburgu — LU	3 280
L-Olanda - NL	77 736
Il-Polonja — PL	72 160
Il-Portugall — PT	28 208
Is-Slovenja — SI	17 056
Spanja — ES	80 360
L-Iżvezja — SE	34 440
Ir-Renju Unit- UK	71 504
Ir-Repubblika Slovakka - SK	6 560
Ir-Repubblika Ċeka - CZ	14 760
Malta - MT	3 280
Total	965 796

ANNEX II

**Rapport finanzjarju ċertifikat dwar l-implimentazzjoni ta' studju bażiku fuq il-prevalenza
tas-Salmonella spp. fi gruppi ta' Gallus gallus li jbidu.**

Perijodu rrapurtat minn sa

Dikjarazzjoni dwar l-ispejjeż li ntnefqu għall-istudju u li huma soġġetti għall-assistenza tal-Komunità

Numru ta' referenza tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi l-assistenza finanzjarja:

Spejjeż li ntnefqu relatati ma' funzjonijiet fi/minn	Numru ta' testijiet	Spiża totali li ntnefqet fit-testijiet tul il-perijodu tar-rapport (munita nazżjonali)
Batterjoloġija għas- <i>Salmonella</i> spp.		
Serotyping <i>Salmonella</i> f'każijiet iżolati		

Ċertifikat mill-benefiċjarju

NIĊĊERTIFIKAW LI

- L-ispejjeż msemmija hawn fuq huma ġenwini u ntnefqu f'rabta max-xogħlijiet li ġew definiti f'din id-Deċiżjoni u kienu essenzjali għat-twettiq tajjeb ta' dawx ix-xogħlijiet,
- Id-dokumenti kollha li jsostnu l-infiq huma aċċessibbli għal skopijiet ta' verifika.

Data:

Persuna finanzjarjament responsabli:

Firma:
